MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 105/2012

**FOGG Insurance Agencies Limited [C-597]**
**ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta estera**
**Argus Insurance Company (Europe) Limited**

**vs**

**Charlot CALLEJA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta attrici fis-7 ta’ Frar, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand il-konvenut, tas-somma ta’ elf hames mija tnejn u sittin euro u ghaxar centezmi ta’ euro (€1,562.10) u dan wara li ppremettiet hekk:

“1. Matul is-sena 2010, il-konvenut kien assigura l-vettura bin-numru ta’ registrazzjoni BBE-463 mas-socjeta attrici;

2. Nhar l-24 ta’ Dicembru, 2010 sehh incident awtomobilistiku gewwa Triq Mannarino, Birkirkara bejn l-

imsemmija vettura misjuqa mill-istess konvenut u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IBN-572 misjuqa minn certu Joseph Vella;

3. Il-konvenut baqa ma ressaqx claim mas-socjeta attrici relattivament ghall-incident de quo, u dan kif kien obbligat illi jaghmel kemm ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva mahruga mis-socjeta attrici.

4. Is-socjeta attrici informat lill-konvenut sahansitra permezz ta' ittra mibghuta tramite l-posta registrata nhar it-22 ta' Frar 2011 tas-17 ta' April 2009 illi galadarba kien jirrizulta kjarament illi huwa kien jahti unikament ghall-incident de quo, hija kienet ser thallas id-danni reklamati mit-terzi in konnessjoni ma' l-istess incident ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u sussegwentement kienet sejra tipprocedi fil-konfront tieghu;

5. Minkejja illi l-imsemmija ittra giet debitament notifikata, il-konvenut baqa qatt ma ressaq il-claim relattiv mas-socjeta attrici;

6. Effettivament, in vista tal-fatt illi l-konvenut ma rregistra l-ebda oggezzjoni skond il-Ligi, is-socjeta attrici hallset favur it-terzi ai termini tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-somma ta' elf erba' mija u tnejn u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,462.58) kif jista jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz;

7. Peress illi l-konvenut agixxa bi ksur tal-kundizzjonijiet tal-polza ta' assigurazzjoni relattiva u tal-Ligi, is-socjeta attrici hija awtomatikament intitolata illi tirkupra minghand l-istess konvenut l-ammont ta' elf hames mija u tnejn u sittin euro u ghaxar centezmi (€1,562.10) rappresentanti in kwantu ghall-ammont ta' elf erba' mija u tnejn u sittin euro u tmienja u hamsin centezmu (€1,462.58) l-ammont minnha sborsat favur terzi, u in kwantu ghall-ammont ta' disgha u disghin euro u tnejn u hamsin centezmu (€99.52) l-ispejjez legali u gudizzjarji inkorsi mis-socjeta attrici in konnessjoni ma' l-istess incident awtomobilistiku – u kwindi qeghdin isiru l-prezenti proceduri sabiex il-

konvenut jigi kkundannat illi jhallas dawn l-ammonti lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' April, 2011 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut, illi jibqa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar il-25 ta' Mejju, 2012, nhar l-14 ta' Gunju, 2012 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici fis-seduta mizmuma quddiemu nhar l-14 ta' Gunju, 2012 u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' elf hames mija tnejn u sittin euro u ghaxar centezmi ta' euro (€1,562.10), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------